MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 17/2006/1

**Angelina sive Lina Schembri**

**v.**

**Francis Schembri**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut Francis Schembri minn sentenza parzjali moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Familja) fis-

16 ta’ Settembru 2009 li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u filwaqt li ddikjarat li l-imgieba tal-konvenut qieghda tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attrici, laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u fl-istess hin ordnat il-qsim gudizzjarju tal-komunjoni tal-beni. Il-komunjoni tal-akkwisti kellha tispicca meta s-sentenza ssir finali u konklussiva. Il-kawza giet differita ghal kontinwazzjoni fuq it-tieni u t-tielet talba. L-appell gie trattat fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2010.

L-attrici kienet ipprezentat rikors guramentat fis-6 ta’ Novembru 2006 fejn ippremettiet u talbet hekk:

“Il-partijiet zzewwgu fit-tlieta (3) ta’ Gunju elf disa’ mija u erbgha u tmenin (1984), liema zwieg gab bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti.

“Il-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti f’dawk il-beni mobbli u mmobbli li gew akkwistati kemm bejniethom kif ukoll matul iz-zwieg, investimenti ta’ flus fil-banek u fil-Borza ta’ Malta, interessi f’kumpaniji privati u pubblici, flus kontanti, qliegh tan-negozju, gestjoni tan-negozju, u konsistenzi u sustanzi ohra, u l-passiv li jirrizultaw f’aktar dettal fil-kors tal-kawza.

“L-imgieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti kienet f’dawn l-ahhar snin tali li tipperikola l-interessi tal-esponenti kif ukoll tal-familja.

“L-attrici trid li tigi terminata, likwidata, u diviza din il-komunjoni u li hi tiehu nofs il-beni li jirrizultaw u nofs il-passiv li gie kkuntrattat bil-kunsens jew konoxxenza taghha wkoll.

“Ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti:-

“1. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

“2. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f’dawk il-beni ta’ kull xorta u natura,

konsistenza, u sustanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza, u f'dak il-passiv li jirrizulta li gie kkuntrattat bil-kunsens jew konoexxenza wkoll tal-attrici;

"3. Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti u tassenja nofs il-beni u l-passiv hekk rizultanti lill-esponenti."

Il-konvenut ipprezenta risposta guramentata fil-21 ta' Novembru 2006 fejn eccepixxa li:-
"1. Illi ma huwiex moghti d-dritt lil xi hadd mill-konjugi illi jitlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti minghajr ma jitlob is-separazzjoni personali.

"2. Illi fil-fatt kawza ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma hijiex prevista fil-ligi Maltija u komunjoni tal-akkwisti meta ma hemmx separazzjoni personali hija prevista biss mil-ligi bil-kunsens taz-zewg partijiet, b'att pubbliku u bil-kunsens, ossia awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti.

"3. Illi fil-fatt l-Artikolu 1316 tal-Kodici Civili (Kap. 16), jaghmilha cara illi kull zwieg f'Malta igib *ipso jure* bejn il-mizzewgin il-komunjoni tal-akkwisti u fl-Artikolu 1318, jaghmilha cara illi l-partijiet ma jistghux jidderogaw mid-dispozizzjonijiet ta' dan il-kodici sa fejn dawn jikoncernaw il-komunjoni tal-akkwisti.

"4. Illi fil-fatt dan huwa punt ta' ordni pubbliku illi ma jistax jigi derogat u l-ebda wahda mill-partijiet m'ghandha ebda dritt titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti unilateralment minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra, dment illi z-zwieg bejn il-konjugi ghadu fis-sehh u m'hemmx separazzjoni personali bejn il-mizzewgin.

"5. Illi l-unika deroga f'dan ir-rigward hija dik prevista mill-Artikolu 1325 (1) tal-Kap. 16 fejn il-Qorti kontenzjuza tista' fuq talba ta' parti fiz-zwieg tordna illi l-parti l-ohra tkun eskluza min l-amministrazzjoni tal-komunjoni meta jirrikorru kundizzjonijiet specjali kif hemmhekk elenkat izda bl-ebda mod ma tipprevedi t-terminazzjoni jew il-likwidazzjoni tal-komunjoni.

“6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost qabel ma procediet b’kawza simili l-attrici kellha l-ewwel tmur quddiem din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha volontarja u takkwista d-debita awtorizzazzjoni minn hemm.

“7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jinnega dak elenkat fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat u cioe` illi l-imgieba tieghu, b’xi mod jipperikola l-amminstrazzjoni tal-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti. Anzi ghal-kuntrarju f’dawn l-ahhar snin kif jirrizulta mill-provi, l-esponenti ghamel profitti ta’ natura sostanzjali.

“8. Illi l-esponenti fil-fatt jopponi ghax-xoljiment u separazzjoni u komunjoni tal-akkwisti, mhux biss ghaliex din ma hijiex permessa mil-ligi, izda ghaliex m’hemm l-ebda ragun illi tiggustifika dan.”

B’sentenza parzjali li nghatat fit-12 ta’ April 2007 (fol. 29 sa 32) l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel sitt eccezzjonijiet tal-konvenut.

Bis-sentenza surreferita tas-16 ta’ Settembru 2009 l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u mmotivat hekk is-sentenza taghha:

“Ikkunsidrat:-

“1. Il-kontendenti zzewwgu fit-3 ta’ Gunju 1984, u z-zwieg gab *ipso jure* l-komunjoni tal-akkwisti. Permezz ta’ din il-kawza l-attrici qeghda titlob il-qsim gudizzjarju tal-beni u li twassal sabiex il-komunjoni tal-akkwisti tispicca. Bejn il-kontendenti hemm kawza ta’ separazzjoni (**Angelina sive Lina Schembri v. Francis Schembri** (Rikors numru 6/2007) prezentata mill-attrici fid-9 ta’ Marzu 2007.).

“Skond l-Artikolu 1332 tal-Kodici Civili:

*““(1) Il-qsim gudizzjarju ta’ beni jista jigi dikjarat –*
*Omissis*

*“(b) meta s-sitwazzjoni dizordinata ta’ wahda mill-partijiet fiz-zwieg jew **l-imgieba taghha dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim gudizzjarju tal-beni.**”*.

“Qsim gudizzjarju tal-beni jista’ jintalab u jigi dikjarat fi kwalsiasi zmien. Dan ir-rimedju hu drastiku u peress li jippresupponi komportament mhux ortodoss minn wiehed mill-konjugi, normalment ikun hemm talba ghall-firda personali bejn il-konjugi iktar minn talba biss sabiex ikun hemm il-qsim gudizzjarju tal-beni. Gialadarba m’hemmx limitazzjoni dwar meta jista’ jintalab dan ir-rimedju, il-Qorti hi tal-fehma li talba tista’ wkoll issir fiz-zmien li tkun pendenti kawza ta’ separazzjoni. Azzjoni li tidher li hi ndipendenti mill-krizi matrimonjali li jistghu jkunu ghaddejjin minnha l-konjugi. L-oggett principali ta’ din it-tip ta’ kawza hu li tispicca l-komunjoni tal-akkwisti u jsir il-qsim gudizzjarju tal-beni.

“Provvediment li hu simili ghall-Artikolu 193 tal-Kodici Civili Taljan:

*““La separazione giudiziale dei beni puo’ essere pronunziata in caso di interdizione o di inabilitazione di uno dei coniugi o di cattiva amministrazione della comunione.*

*“Puo altresi’ essere pronunziata quando il disordine degli affari di uno dei coniugi o la condotta da questi tenuta nell’amministrazione dei beni metti in pericolo gli’interessi dell’altro o della comunion o della famiglia, oppure quando uno dei coniugi non contribuisce ai bisogni di questa in misura proporzionale alle proprie sostanze e capacita’ di lavoro......”*;

*“**La cattiva amministrazione della comunione** intendendosi come cattiva amministrazione non solo quella compiuta in mala fede o con semplice negligenza ma anche quella che integra **gli estremi di abuso dei diritti di amministrazione**, ad esempio alienazioni a titolo gratuito di beni della comunione e il compimento, in*

*genere, di atti di straordinaria amministrazione senza il necessario assenso dell'altro coniuge, allorche' tali atti per la loro importanza, siano tali da essere di grave pregiudizio per la comunione medesima."* (*Il regime patrimoniale della famiglia*, V. Raoila, L. Salomone, Cedam 2008 pagna 138).

"Minn qari tal-Artikolu 1332 tal-Kodici Civili hu evidenti li l-komportament m'hemmx ghalfejn jaghti lok ghal dannu imma hu bizzejjed **imgieba li tipperikola** l-interess tal-konjugi l-iehor, tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenut li dan il-provvediment *".....jista' jsib applikazzjoni biss f'kazijiet fejn wiehed mill-konjugi jitqies bhala prodigali, jew mahkum minn xi vizzju bhal ma hija dik tad-drogi, xorb jew tal-loghob tal-azzard li jirrendi l-imgieba tieghu mhux biss perikoluza, izda wkoll kwazi barra mill-kontroll tieghu."*[1]. L-imgieba li jiggustifika l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment m'huwiex limitat biss ghat-tip ta' imgieba li qieghed jipprospetta l-konvenut. Minn qari tal-provvediment hu evidenti li hi fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tiddeciedi minn kaz ghall-iehor jekk imgieba partikolari, hi x'inhi, hijiex tali li qeghda tipperikola l-interessi tal-konjugi l-iehor.

"2. Mix-xhieda li tat l-attrici permezz tal-affidavt (fol. 55), fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2007 (fol. 492) u 15 ta' Novembru 2007 (fol. 537) jirrizulta li:-

"a. Kienet tahdem fin-Neptune Bar & Restaurant sa Ottubru 2006, negozju tal-familja. Fid-29 ta' Marzu 2006 giet registrata l-kumpanija Neptune's Bar and Restaurant Company Limited (C38323) li ghandha l-ufficcju registrat f'Nepunte's Bar and Restaurant, Triq Marina, Marsalforn, Ghawdex. L-ishma gew registrati in kwantu ghal 190 kull wiehed f'isem il-kontendenti, u 60 kull wiehed f'isem binhom Roderick Schembri u George Schembri (hu l-konvenut). L-erbgha li huma gew mahtura diretturi tal-kumpanija. Skond il-konvenut sal-lum in-negozju tar-*restaurant* ghadu ma giex trasferit lill-kumpanija (fol. 694).

[1] Nota ta' sottomissjonijiet prezentata fid-29 ta' Mejju 2009.

"b. Il-problemi fiz-zwieg bdew ghal habta tal-Milied 2005 wara li miet missierha (Vincent Saliba). L-inkwiet beda meta saret id-dikjarazzjoni *causa mortis* relatata mal-wirt ta' missierha, in kwantu l-konvenut ried li ssir dikjarazzjoni addizzjonali ghaliex ma kienx qieghed jaqbel mal-valuri li gew dikjarati mill-werrieta. L-attrici ma reditx li zewgha jindahal fil-wirt tal-familja.
"c. Wara li nqala' l-inkwiet fiz-zwieg u bdiet tfittex, skopriet li ghal finijiet ta' taxxa zewgha ma kienx qieghed jiddikjara l-qliegh kollu li qieghed isir mir-*restaurant* u n-negozju tal-hut.

"d. Ghal dawk li huma flus dejjem halliet f'idejn zewgha u ma kienitx tindahal f'dan l-aspett. Ghamlet riferenza ghall-kont li tghid li saret taf bih meta fid-dar sabet *statement* (fol. 518) minn fejn jirrizulta li fil-11 ta' Marzu 1996 kien hemm bilanc ta' £56,481.55.

"e. Zewgha qatt ma halliha nieqsa mill-flus u meta kien ikollha bzonn il-flus ma kelliex ghalfejn tistaqsi lil zewgha; *"il-kexxun kien miftuh u stajt niehu. Dan mill-kexxun tar-restaurant."*.

"f. Zewgha kien jafda fiha u hi kienet tafdah.

"g. Fid-drabi li zewgha semmilha li ser jaghmel xi investiment, kienet tghidlu *".....aghmel int. Jien tant kont nafdah, kont inhalli kollox f'idejh."* (fol. 494).

"h. Fit-3 ta' Lulju 2006 il-kumpanija Neptune's Bar & Restaurant Co Ltd, rapprezentata minn George Schembri u Roderick Schembri, xtrat minghand Anthony Saliba (iz-zija tal-attrici) proprjeta` f'Ghawdex. Il-kuntratt gie pubblikat min-Nutar Dr Joseph Tabone u l-konvenut deher bhala mandatarju ta' Anthony Saliba. Dwar dan in-negozju saret kawza **Anthony Saliba v. Francis Schembri et** (Rikors 100/2006) fejn qeghda tigi kontestata l-validita` tal-kuntratt. L-attrici ssosnti li ma kienitx infurmata li ser isir dan in-negozju (fol. 61). Jidher ukoll li l-inkwiet bejn il-konjugi Schembri kompla jikber wara li sar dan il-kuntratt, in kwantu l-attrici ma qablitx ma' dak li ghamel zewgha.

“Min-naha tieghu l-konvenut xehed permezz ta’ affidavit (fol. 552), u fis-seduti tal-15 ta’ Novembru 2007 (fol. 583) u l-1 ta’ April 2008 (fol. 692):

“a. Fit-28 ta’ Gunju 2006 martu telqet mid-dar (fol. 692). F’dak iz-zmien kien qieghed jghix maghhom Anthony Saliba (iz-ziju tal-attrici). Il-konvenut ikkonferma li ma riedx li Anthony Saliba jkompli jghix maghhom ghaliex kien qieghed ihoss li l-piz kien intefa’ kollu fuq il-familja tieghu; *“.....il-mara lili pero` qaltli, ‘jekk se kecci lil mid-dar ser nitlaq ukoll jiena mieghu.”*. Anthony Saliba kien ilu minn Jannar 2006 jghix maghhom.

“b. Martu telqet mid-dar f’Ottubru 2006 (fol. 552).

“c. Kien inqala’ l-inkwiet dwar id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta’ missierha Vincent Saliba, in kwantu l-konvenut ma kienx qieghed jaqbel mal-valuri li gew dikjarati mill-werrieta u li fil-fehma tieghu kienu baxxi.
“d. It-trasferiment tal-proprjeta` f’ta’ Xwejni li saret permezz tal-kuntratt tat-3 ta’ Lulju 2006 fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Tabone, saret bil-kuntentizza ta’ Anthony Saliba (iz-ziju tal-konvenuta). Dan it-trasferiment kien wiehed mir-ragunijiet ghalfejn f’Marzu 2006 twaqqfet il-kumpanija Neptunes Bar and Restaurant Limited. Zied jghid li *“Il-prezz tal-bejgh tal-kuntratt tat-3 ta’ Lulju 2006, jien kont dejjem lest li intihulu lil zijuha izda kif ghidt qabel, l-ewwel irridu naghmlu l-kontijiet bejnietna. Lil Toni Saliba jien ma hadtlu xejn.”* (fol. 556).

“e. Ix-xoghol tieghu hu fis-sajd *f’restaurant* bl-isem ta’ Neptune Bar and Restaurant, Marsalforn.

“f. Flus u kotba tan-negozju kienu f’idejh ghaliex martu qatt ma riedet tinvovli ruhha.

“g. Il-kumpanija Neptune’s Bar and Restaurant Company Limited ma tmexxix ir-*restaurant* Neptune’s Bar and Restaurant (fol. 694). Madankollu fis-6 ta’ Gunju 2006 ipprezenta rikors quddiem il-Qorti volontarja fejn ippremetta li: *“illi din il-kumpanija* ***principalment***

***tiggestixxi in-negozju ta' Neptune's Bar and Restaurant**, li ilu ghal hafna snin negozju fil-familja Schembri."* (fol. 760).

"h. Ikkonferma[2] li investiment li kien hemm ma' Valletta Fund Managment inghalaq, u fl-4 ta' Mejju 2007 hareg cekk ghas-somma ta' £44,807.56 favur il-kumpanija Cerna Company Limited (fol. 612) li giet registrata fit-3 ta' Novembru 2006 (fol. 359)[3]. Il-konvenut iddikjara li: *"........ m'inhix f'pozizzjoni li niftakar x'ghamilt bis-somma ta' erbgha u erbghin elf Lira Sterlina (£44,000)..... Jiena ghalija din is-somma m'hi xejn."* (fol. 695).

"i. Ikkonferma[4] wkoll li kien ircieva cekk iehor f'isem Cerna Company Limited ghas-somma ta' £22,154 fit-30 ta' Marzu 2007[5], *"....pero` m'inhix f'posizzjoni li nghid ghal xiex uzajt dawn il-flus. Jiena ghad irrid niccekkja fuq dawn il-flus."* (fol. 695).

"j. Ikkonferma wkoll li kien ircieva cekk iehor f'isem Cerna Company Limited ghas-somma ta' €99,595.31[6]; *"....jiena nikkonferma ukoll illi anke f'dan il-kaz ma niftakarx x'ghamilt b'dawn il-flus, irrid niccekja."* (fol. 695).

"k. Irrifjuta kemm-il darba li jaghti taghrif dwar x'sar, wara d-data tal-prezentata tal-kawza, minn investimenti. Hekk per ezempju: *"Jiena ghal darb'ohra qieghed nerga' nsostni l-posizzjoni tieghi ill f'din il-kawza ma hiniex ser naghti u qieghed nirrifjuta li naghti nformazzjoni dwar x'seta sar mill-flus illi kienu nvestiti f'ismi u f'isem marti wara d-dat tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni."* (fol. 756). F'seduta ohra qal: *"Jiena nerga' ghal darba ohra intenni illi m'ghandi l-ebda hsieb illi naghti xi taghrif dwar x'ghamilt*

---

[2] Seduta tal-1 ta' April 2008.
[3] F'din il-kumpanija d-direttur hu Francis Schembri u l-azzjonisti huma 499 ishma f'isem il-konvenut u sehem wiehed f'isem George Schembri (fol. 359). Fit-3 ta' Novembru 2006 giet registrata wkoll Neptune's Catering Limited (C39870), fejn l-azzjonisti huma l-konvenut (600 sehem) u George Schembri (400 sehem). Il-konvenut hu wkoll direttur ta' din il-kumpanija (fol. 371).
[4] Seduta tal-1 ta' April 2008.
[5] Ara kopja tac-cekk a fol. 619. Investiment li kien ma' Valletta Fund Management (fol. 618).
[6] Ara kopja tac-cekk a fol. 616. Investiment li wkoll kien ma' Valletta Fund Management (fol. 615).

*bil-flus illi jiena gbidt fil-mori ta' dawn il-proceduri u dan in kwantu din il-materja fil-fehma tieghi mhiex il-meritu ta' din il-kawza."* (fol. 785).

*"l. "Jiena nikkonferma li matul iz-zwieg tieghi jiena dejjem mexxejt l-affarijiet finanzjarji tal-familja. Dan mill-elf disa' mija erbgha u tmenin (1984). Jiena nikkonferma illi meta kont nipprova nghid xi haga lil mara tieghi, hi kienet tghidli, 'lili tghidli xejn'."* (fol. 692).

"m. Wara li l-kontendenti ma komplewx jghixu flimkien u martu pprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju, waqqaf il-kumpanija Cerna Company Limited sabiex ikun jista' jkompli jopera r-*restaurant*.

"o. Ikkonferma li fl-2007 kien gabar, minghajr qal lill-mara, investiment li kellu ma' La Valette Sterling Income Fund Management (fol. 693). Flus li jsostni li kienu provenjenti minn wirt ta' missieru. Zied jghid li kien hemm investimenti ohra li kellu jaghlaq biex ikun jista' jkompli n-negozju ma' huh.

"p. Iddikjara wkoll li fil-komunjoni tal-akkwisti m'hemmx flus ghaliex il-flus tal-kontendenti kienu ntuzaw kollha sabiex sar l-izvilupp fl-art ta' Xwejni. L-investimenti kollha li ssemmew mix-xhieda li tressqu f'din il-kawza saru minn flus parafernali tieghu.

"3. Minn dak li semghet il-Qorti m'ghandha l-ebda diffikulta` biex tikkonkludi li kif l-attrici gholliet subghajha, zewgha beda gwerra.

"Jibda biex jinghad li r-riferenza li ghamlet l-attrici ghall-kawza fl-ismijiet **Anthony Saliba v. Francis Schembri et** (Rikors 100/06) prezentata fil-11 ta' Settembru 2006 sabiex issahhah it-tezi taghha, m'hijiex flokha in kwantu l-proceduri ghadhom *sub judice*. Sal-lum il-konvenut ghadu ma giex dikjarat li hu debitur ta' Anthony Saliba. F'tali cirkostanzi l-Qorti m'hijiex tal-fehma li tista' tiehu in konsiderazzjoni dawn il-proceduri sabiex tiddeciedi jekk hemmx lok li tordna l-qsim gudizzjarju tal-beni, minkejja li

l-mod kif jidher li sar dan "in-negozju" *prima facie* jaghti lok ghal dubji.

"Il-konvenut jghid li kienet martu li ghazlet thalli l-amministrazzjoni tal-gid f'idejh. Hu minnu li l-attrici ddikjarat li kienet tafda lil zewgha. Min-naha l-ohra hadd m'ghandu dritt jabbuza mill-fiducja li jkun inghata. Il-konvenut ried jimponi r-rieda tieghu fir-rigward tal-wirt ta' missier l-attrici. Ezempju klassiku hu l-mod kif indahal fir-rigward tal-*causa mortis* li ghamlu l-werrieta ta' Vincent Saliba. Materja li fil-fehma tal-qorti ma kellu l-ebda dritt li jindahal fiha meta kien jaf li martu m'hijiex taqbel mal-fehma tieghu. Kif inqala' l-inkwiet matrimonjali saru manuvri min-naha tal-konvenut sabiex jara kif jillikwida l-gid tal-komunjoni tal-akkwisti, u li seta' jigi likwidat minghajr l-intervent ta' martu. Agir li l-Qorti tista' tiddeskrivih biss bhala abbuz ta' poter fil-gestjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut baqa' jinsisti li dak li gara wara d-data tal-prezentata tal-kawza, 6 ta' Novembru 2006, m'huwiex rilevanti ghall-ezitu ta' din il-kawza. Il-konvenut hu zbaljat in kwantu baqa' jamministra. Inoltre, l-imgieba hazina tal-konvenut bdiet minn qabel giet prezentata l-kawza. Jekk qabel inqala' l-inkwiet jista' forsi kien hemm xi dubju jekk l-imgieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni kienet qeghda tipperikola l-interessi tal-attrici, illum dan id-dubju ma jezistix. Il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dak li ghamel il-konvenut meta tqis per ezempju li:-

"(i) Investiment ma' **Valletta Fund Management** f'isem Francis u Angiolina konjugi Schembri b'valur ta' **£44,908**, inghalaq fit-30 ta' Ottubru 2006 (fol. 609), gie trasferit f'isem Francis Schembri biss (fol. 610). Sussegwentement fit-23 ta' Novembru 2006 l-investiment gie trasferit f'isem Cerna Co Ltd. Imbaghad f'Mejju 2007 inghalaq l-investiment u Valletta Fund Management Limited harget cekk fl-ammont ta' £44,807.56 favur Cerna Company Limited.

"(ii) Investiment ma' **Valletta Fund Management** f'isem Francis u Angiolina konjugi Schembri b'valur ta' **€97,216.61**, fl-24 ta' Ottubru 2006 (fol. 613) gie

trasferit f'isem Francis Schembri biss (fol. 614). Sussegwentement fil-21 ta' Novembru 2006 l-investiment gie trasferi f'isem Cerna Co Ltd (fol. 614). Imbaghad fl-ahhar ta' Marzu 2007 inghalaq l-investiment u fl-10 ta' April 2007 Valletta Fund Management harget cekk fl-ammont ta' €99,595.31 (fol. 616) favur Cerna Co Ltd.

"(iii) Investiment ma' **Valletta Fund Management** f'isem Francis Schembri b'valur ta' **€22,264.99** (fol. 617), fit-23 ta' Novembru 2006 gie trasferit f'isem Cerna Co Ltd (fol. 618). Imbaghad fl-ahhar ta' Marzu 2007 inghalaq l-investiment u fit-30 ta' Marzu 2007 Bank of Valletta plc hareg cekk fl-ammont ta' €22,154.50 favur Cerna Co Ltd.

"(iv) Flus li kienu depozitati f'kont bankarju ma' **Bank of Valletta plc** numru 40014120363 inghalaq u fis-26 ta' Awwissu 2008 l-konvenut gibed is-somma ta' **€96,959.02**. Flus li kienu milquta mill-mandat ta' sekwestru numru 150/06 fl-ismijiet **Angelina sive Lina Schembri v. Francis Schembri** pprezentat fis-27 ta' Ottubru 2006. Il-kont kien f'isem Francis u Angelina konjugi Schembri (fol. 721) u c-cekk inhareg f'isem il-konvenut (fol. 720). Dan wara li l-konvenut irnexxielu jottejni l-hrug ta' kontromandat (numru 132/2008) ghall-mandat ta' sekwestru numru 150/2006, u li qatt ma kellu jinhareg peress li kien hemm din il-kawza pendenti. Kawza li saret fit-terminu preskritt mil-ligi wara l-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 150/2006. Hu minnu li wara digrieti li nghataw mill-Qorti, il-konvenut ipprovda garanzija bankarja li tkopri din is-somma. Jibqa' l-fatt pero li l-konvenut gibed dawn il-flus, u l-Qorti m'hijiex konvinta li ta din il-garanzija ghaliex in *buona fede* izda ghaliex ma setax jaghmel mod iehor meta ra li in vista tad-digriet tal-Qorti bl-agir tieghu seta' kien qieghed jippregudika l-posizzjoni tieghu. Kieku il-konvenut kien in *buona fede* mill-bidu nett ma kienx jisbanka l-flus kollha minn wara dahar martu meta kien jaf li hemm il-kawzi pendenti. Il-konvenut iddikjara li din is-somma konsiderevoli ntuzat *"......biex jithallsu djun li qed jinkorri minhabba l-istess sekwestru."* (fol. 731), minghajr ma ta l-ebda hjiel fiex jikkonsisti dan l-allegat dejn. Kliem li fil-fehma tal-Qorti

jkompli jiggustifika l-biza’ li ghandha l-attrici, u li tkompli tikber meta l-konvenut jaghmel dikjarazzjonijiet fis-sens li qieghed *“...**kontinwament jirrikorru ghal self ta’ flus minghand terzi b’rati ta’ imghax gholjin u garanziji asfissjanti**, minhabba illi l-flus taghom kienu ffrizjati permezz ta’ dan il-mandat ta’ sekwestru....”* (fol. 738). Dan minkejja li kif rajna l-konvenut ma ta l-ebda taghrif dwar dan is-self u li tista’ tkun xi manuvra ohra.

“Jirrizulta wkoll li fis-16 ta’ Ottubru 2006 giet sbankata s-somma ta’ €33,778 minn kont mal-Bank of Valletta plc numru 40014120729. Kont intestat f’isem il-konvenut, Roderick Schembri (iben il-kontendenti) u George Schembri (hu l-konvenut) u li jidher li kien iservi r-*restaurant* ghaliex hu deskritt bhala *“A/C Neptunes Restaurant”* (fol. 634-652). F’dan il-kuntest ukoll ma nghata l-ebda taghrif sodisfacenti dwar x’sar minn dawn il-flus, ghalkemm il-konvenut qal: *“Nikkonferma li l-flus gew zbankati. Jiena nikkonferma illi b’dawn il-flus illi jiena gbart, kif naghmlu s-soltu li wara certu zmien nigbruhom, b’dawn hallasna wkoll. Mistoqsi biex nispjega x’hallasna, inwiegeb, mhux l-affarijiet tan-negozju! Daqs kemm kien hemm, hallasna ahna!”*[7]. Mill-kopja tal-*bank statements* ma jidhirx li kien hemm xi prassi li kull tant zmien il-flus fil-kont jingabru. Il-konvenut ma ta l-ebda hjiel ta’ x’suppost kien dan id-dejn kollu li jghid li hallietlu martu.

“Dan hu kaz klassiku ta’ dilapidazzjoni tal-beni minn wiehed mill-konjugi. L-agir tal-konvenut ma jistax jigi deskritt mod iehor ghajr attakk ghall-beni li taghhom l-attrici hi wahda mit-titolari, minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-interessi taghha. Il-konvenut isostni li dawn il-beni huma proprjeta` parafernali, izda ma ressaqx provi sabiex jeghleb il-prezunzjoni li l-beni kollha jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1321 tal-Kodici Civili). Hu evidenti li kemm ilu inqala’ l-inkwiet f’din il-familja, il-konvenut qieghed jahseb biss fl-interess personali tieghu u l-Qorti ma tistax tikkondividi l-*modus operandi* tieghu.

[7] Seduta tal-1 ta’ April 2008.

"Ghalkemm il-konvenut jargumenta li kien kostrett jiehu dawn il-passi minhabba n-negozju u minhabba l-mandat ta' sekwestru, ma ngiebet l-ebda prova konkreta li l-mandat kawtelatorju kellu xi effett negattiv fuq in-negozju. Mir-rikors prezentat fit-13 ta' Mejju 2008 ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 150/2006, jidher li l-ilment tal-konvenut kien li gew sekwestrati flus depozitati f'kontijiet bankarji, u dan il-fatt kien qieghed ifixkel il-gestjoni tan-negozju tar-*restaurant* u tas-sajd u tal-bini. L-istess ma tressqux provi in sostenn ta' din il-premessa. Dan apparti l-fatt li ma rrizultax li l-konvenut kien ghadu qieghed jaghmel negozju fil-qasam tal-bini. Inoltre, il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenut li *"Kull prova dwar xi agir tal-esponent matul dawn il-proceduri ghandha tigi interpretata fis-sens ta' anzi tentattiv* ***ghall-protezzjoni tal-beni tal-komunjoni mill-attenti ta' sparpaljar tal-istess da parti ta' martu."*** (enfazi mizjuda). Mill-provi ma rrizultax li l-attrici kienet tisparpalja l-flus. Inoltre l-konvenut, ghalkemm kellu l-opportunita`, ma offra l-ebda spjegazzjoni ta' kif bl-agir tieghu qieghed jipprova jipprotegi l-komunjoni tal-akkwisti. Tant hu hekk li insista li l-flus kienu parafernali. Qal ukoll li l-flus li kellu mal-mara kien investihom kollha fil-bini tax-Xwejni, Marsalforn (ara kontro-ezami seduta l-1 ta' April 2008).

"Inoltre, hemm ukoll l-intransigenza u rifjut min-naha tal-konvenut li jaghti nformazzjoni dwar x'ghamel bil-flus (ara per ezempju kontro-eazmi li sarlu fis-seduta tal-14/11/2008 – fol. 754). Il-Qorti lanqas temmen lill-konvenut meta jghid li ma jiftakarx x'ghamel bil-flus. Il-konvenut ripetutament insista li l-Qorti kellha tillimita ruhha fuq dak li gara qabel giet prezentata din il-kawza, u ghal finijiet ta' dawn il-proceduri x'seta' sehh wara s-6 ta' Novembru 2006 (data li giet prezentata l-kawza) ma kienx rilevanti. Il-konvenut lanqas ma jista' jipprova jinheba wara xi skuza li dan kien il-parir li nghata minn terzi. Min ma kellux x'jahbi kien jaghti l-informazzjoni u mhux jibqa' jwebbes rasu sal-ahhar.

"Il-fatt li l-attrici kienet sa mill-bidu taz-zwieg tafda lil zewgha fl-affarijiet finanzjarji, ma jfissirx li kif inqala' l-inkwiet kellu jagixxi b'dan il-mod xejn lejali. Dak li ghamel

il-konvenut ma jistax jirrifletti tajjeb fuqu. Ghalkemm il-konvenut jargumenta li f'kawzi ta' separazzjoni n-norma hi li l-atteggjament ikun li wiehed ma jikxefx il-qaghda finananzjarja[8], ma jfissirx li l-Qorti tikkondividi ma' xi prassi simili. L-atteggjament tal-konvenut hu car, u cioe` li jahtaf li jista' u mbaghad jara x'jirrizulta fil-kawza. Il-Qorti hi mpressjonata kif minn wara dahar l-attrici l-konvenut, meta kien jaf li hemmm il-maltemp, kaxkar dawk il-flus kollha. Jidher li l-konvenut ghamel patt mieghu nnifsu li jara kif jaghmel sabiex martu ma tiehux sehemha mill-flus. Jirrizulta wkoll li anke l-vettura Isuzu li kienet registrata fuq isem il-konvenut, giet trasferita fuq isem haddiehor; *"Jien ma ghandix karrozzi f'ismi llum hlief dik illi ghandha l-mara. L-Isuzu l-blue llum ma hiniex se naghti nformazzjoni f'isem min qieghed. L-Isuzu blue kien ghamel zmien registrat f'ismi. Sakemm il-mara kienet ghadha tghix taht l-istess saqaf mieghi, kien ghadu f'ismi."* (fol. 757). Il-Qorti baqghet ukoll impressjonata dwar il-mod legger li bih xehed il-konvenut fejn l-iskop principali tieghu kien li jkun evaziv fir-risposti li ta ghall-mistoqsijiet li sarulu u li jaghti l-messagg li jsir dak li jghid hu. Fic-cirkostanzi il-qorti ma tarax kif l-attur jista' qieghed jopera wkoll fl-interess ta' martu u tal-komunjoni tal-akkwisti, u anzi hi konvinta li qieghed jopera biss fl-interess personali tieghu.

## Rikors tal-appell ta-konvenut

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad tas-16 ta' Settembru 2009 u interpona appell minnha b'rikors prezentat fl-20 ta' Ottubru 2009. Bazikament l-aggravji tal-appellant huma tnejn waqt li l-ohrajn proprjament m'humiex aggravji imma argumenti li gew ripetuti diversi drabi biex isostnu l-aggravju principali. Nonostante din il-Qorti se tissintesizza l-aggravji kollha kif proposti fir-rikors tal-appell ghalkemm dawn mhux se jigu decizi *seriatim* bhala aggravji.

L-aggravji huma s-segwenti:

[8] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fid-29 ta' Mejju 2009.

1. Illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn sabet li l-imgieba tal-konvenut tipperikola l-interess tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attrici hija *extra petita* billi ma kien hemm ebda talba f'dan is-sens fir-rikors promotur.

2. L-ewwel Qorti naqset li taghmel analisi doveruza u lanqas irrikonoxxiet il-manuvri, l-attegjament u l-attakki tal-attrici li, bl-iskuza ta' salvagwardja tal-assi tal-komunjoni, in realta` dawn kienu intizi biex jivvessaw u jirrovinaw lill-konvenut. Il-mandati li gew ottenuti minnha huma xhieda ta' dan.

3. L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-provi li ngiebu relattivament ghal dak li sehh wara li l-attrici telqet mid-dar u wara l-intavolar tal-kawza u lil hinn mill-parametri tal-premessi u t-talbiet fir-rikors guramentat li jirreferu specifikatament ghal cirkostanzi li jipprecedu l-intavolar tal-istess proceduri. Il-provi kellhom jirreferu esklussivamnet ghaz-zmien meta l-konvenut kellu l-amministrazzjoni tal-komunjoni f'idejh sabiex tigi determinata l-allegata mgieba tal-konvenut mentri l-ewwel Qorti bbazat l-konkluzjoni taghha unikament fuq allegati fatti u avvenimenti li sehhew fil-mori tal-proceduri. Ma jirrizultax li qabel l-intavolar tal-kawza l-imgieba tal-konvenut kienet qed tipperikola l-amministrazzjoni tal-komunjoni tant li n-negozju kien bi qliegh u l-attrici kienet tafdah u thalli kollox f'idejh.

4. Il-fatti u c-cirkostanzi li jirrisalu ghaz-zmien ta' dawn il-proceduri m'ghandhomx jigu njorati ghal kollox izda huma rilevanti biss biex jikkorroboraw jew jassodaw xi fatt jew cirkostanza ohra antecedenti l-bidu ta' dawn il-proceduri. Minflok l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha esklussivament fuq dak li ammetta li l-konvenut li ghamel matul dawn il-proceduri u njorat il-provi li jirrigwardaw meta hu verament kien qed jamministra l-komunjoni tal-akkwisti.

5. L-ewwel Qorti ma apprezzatx ir-raguni ghaliex il-konvenut kien tant reticenti li jizvela fejn qed izomm il-fondi li rnexxielu jizbanka biex ikun jista' jkompli n-negozju u jmantni lill-martu u l-uliedu. Il-Qorti giet impressjonata

negattivament b'din ir-reticenza li setghet saret il-bazi principali ghaliex hu gie meqjus bhala amministatur hazin.

6. L-ewwel Qorti ppretendiet li l-konvenut jipprovdi hu stess il-provi dwar il-konsistenza tal-beni tal-komunjoni u dawk parafernali tieghu, meta dak l-istadju kien ghadu ma wasalx billi dawn il-provi kellhom jitressqu biss wara li tigi deciza l-ewwel talba. L-ewwel Qorti ppretendiet ukoll li hu jipprovdi provi biex jikkonvinciha li l-mandati kawtelatorji kellhom xi effett negattiv fuq in-negozju tieghu.

Ghaldaqstant l-appellant jikkonkludi li l-ewwel talba attrici ma kelliex tigi milqugha billi huwa bl-ebda mod ma pperikola l-interess tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

**Risposta tal-attrici appellata.**

L-attrici appellata tikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi kkonfermata, prevja c-cahda tal-appell tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu u talbet li jigu applikati s-sanzjonijiet komminnati taht l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 billi l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-attrici wiegbet li d-dikjarazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti li l-konvenut ipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attrici kienet necessarja biex tistabilixxi dak premess fir-rikors guramentat tal-attrici.
A rigward tal-hames aggravji l-ohra, l-attrici tghid li dawn jistghu jigu sintetizzati f'aggravju wiehed bl-istess argumenti ripetuti *ad nauseam.* L-attrici tghid li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` tisma' u taghrbel ix-xhieda kollha li xehdu *viva voce* quddiemha u ma kellha ebda ezitazzjoni biex tikkonkludi li dan kien kaz klassiku ta' dilapidazzjoni tal-beni minn wiehed mill-konjugi fil-konfront tal-iehor. Meta l-attrici ddecidiet li tfittex id-drittijiet taghha, l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti giet perikolata. Il-konvenut kien obbligat li jippreserva u jamministra tajjeb il-gid komuni mhux biss sal-mument li

giet prezentata l-kawza imma sa kemm il-Qorti tiddeciedi jekk kienx hemm lok jew le li tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-preokkupazzjoni tal-attrici kienet dwar il-mod frawdolenti kif zewgha kien qed jiddikjara d-dhul tieghu min-negozju u jipprova jdahhalha kompartecipi fit-tahwid tieghu. L-attrici cahdet li ppruvat tipparalizza n-negozju tal-konvenut bil-mandati li pprezentat kontra tieghu. Tghid li llum minn dawk l-eluf kollha ta' flus ma fadal xejn u l-konvenut mhux qed jaghti spjegazzjoni ta' x'ghamel minnhom.

**Fatti mertu tal-kawza**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-konvenut appellant, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun qabel xejn opportun li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni.

Il-kontendenti zzewwgu fit-3 ta' Gunju 1984, u hemm bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti. B'din il-kawza l-attrici talbet is-separazzjoni gudizzjarju tal-beni u biex il-komunjoni tal-akkwisti tispicca billi l-konvenut qed jamministraha hazin. Bejn il-kontendenti hemm ukoll kawza ta' separazzjoni pendenti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**Qsim gudizzjarju tal-beni li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.**

Fis-sentenza preliminari taghha li nghatat fit-12 ta' April 2007 (fol. 29) l-ewwel Qorti ddecidiet (u ma kienx hemm appell minn dik id-decizjoni) li l-qsim gudizzjarju tal-beni jista' jintalab f'kwalsiasi zmien anke qabel is-separazzjoni personali.

L-azzjoni attrici ssib il-bazi taghha fl-Artikolu 1332 tal-Kodici Civili li jghid hekk:

*"(1) Il-qsim gudizzjarju ta' beni jista jigi dikjarat –*

*"Omissis*

*"(b) meta s-sitwazzjoni dizordinata ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg jew* ***l-imgieba taghha dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim gudizzjarju tal-beni.****"*

Dan l-artikolu jixbah l-Artikolu 193 tal-Kodici Taljan dwar *Separazione giudiziale dei beni* li jghid hekk:

*"La separazione giudiziale dei beni può essere pronunziata in caso di interdizione o di inabilitazione di uno dei coniugi o di* ***cattiva amministrazione della comunione.*** *Può altresì essere pronunziata quando il disordine degli affari di uno dei coniugi o la condotta da questi tenuta nell'amministrazione dei beni* ***mette in pericolo gli interessi dell'altro*** *o della comunione o della famiglia, oppure quando uno dei coniugi non contribuisce ai bisogni di questa in misura proporzionale alle proprie sostanze e capacità di lavoro".*

Hija ghalhekk fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeciedi minn kaz ghall-iehor jekk imgieba partikolari hijiex tali li tipperikola l-interessi tal-konjugi l-iehor.

**Aggravji**

Fl-ewwel aggravju, il-konvenut jillanja li d-decizjoni tal-ewwel Qorti li sabet li l-imgieba tieghu tipperikola l-interess tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attrici hija *extra petita* billi ma kien hemm l-ebda talba f'dan is-sens fir-rikors promotur. Illi fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju mhux gustifikat u huwa wiehed fieragh. It-talba attrici biex tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti a bazi tal-Artikolu 1332 tal-Kap. 16 kienet ibbazata fuq il-premessa li l-imgieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti kienet f'dawn l-ahhar snin tali li tipperikola l-interessi taghha kif ukoll tal-familja. Ghalhekk l-ewwel Qorti necessarjament kellha l-ewwel tiddeciedi jekk fil-fatt l-imgieba tal-konvenut kienitx qed

tipperikola l-interessi tal-komunjoni u dan nonostante li tali premessa ma gietx imqieghda taht forma ta' domanda[9].

L-aggravju principali tal-konvenut f'dan l-appell huwa li biex it-talba attrici setghet tirnexxi l-provi bilfors kellhom jirrigwardaw dawk il-fatti u cirkostanzi li avveraw ruhhom fis-snin qabel ma ttiehdu l-proceduri odjerni ossija z-zmien meta l-appellant effettivament kellu l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'idejh, liema provi kellhom jindikaw x'wassal lill-attrici biex titlob rimedju hekk drastiku. Minflok l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha esklussivament fuq dak li ghamel il-konvenut wara li saret il-kawza u njorat il-provi li jirrigwardaw meta l-konvenut verament kien qed jamministra l-komunjoni tal-akkwisti (ara raba' aggravju). F'dan ir-rigward l-appellant isostni li, ghalhekk, hu kien gustifikat li ma jizvelax fejn kien qed izomm il-fondi li rnexxielu jizbanka biex seta' jkompli bin-negozju tieghu (ara hames aggravju). L-ewwel Qorti naqset li tirrikonoxxi li l-manuvri, l-attegjament u l-attakki tal-attrici, kif ukoll il-mandati li hija harget, bl-iskuza li tissalvagwardja l-assi tal-komunjoni, fil-verita` riedet tivvessaw u tirvina lill-konvenut (tieni aggravju).

Issa l-allegazzjoni tal-attrici dwar il-malaministrazzjoni tal-komunjoni da parti ta' zewgha tmur lura ghaz-zmien ferm qabel ma giet introdotta l-kawza odjerna. L-attrici xehdet li:

"Jiena kien ili ghal dawn l-ahhar tliet snin mhinix kuntenta bil-mod kif zewgi kien qed imexxi u jamministra l-hwejjeg tal-familja, id-dhul tal-flus, kemm min-negozju tal-hut kif ukoll min-negozju tar-*restaurant*, u fil-fehma tieghi ma kienx qed imexxi b'mod responsabbli, u kien qed ipoggi l-interessi tieghi u tal-familja fil-perikolu. Zewgi qatt ma wrieni b'xejn dwar id-dhul kemm mis-sajd kif ukoll mir-*restaurant* ghalkemm kelli idea kemm kien qed idahhal kemm mill-qabdiet tal-hut u anke mir-*restaurant* u ibni Rodrick kien itarraffli xi haga. Il-flus kien jahkimhom kollha taht idejh u ma kien jurini xejn dwar id-dhul jew dwar il-posizzjoni finanzjarja tal-familja u tan-negozju. Kien

[9] Vol 32.1.666 u App Debono v. Nind tal-15 ta' Frar 2009.

eskludini ghal kollox aktar u aktar wara l-mewt ta' missieri meta ppretenda li jindahal hu ma' huti fil-qasma tal-wirt ta' missieri, u jiena ma kontx accettajt billi deherli li ma kellux jindahal bejni u bejn huti dwar kwistjonijiet li wara kollox ma kienux jikkoncernaw lilu, u li jdahhal firda bejni u bejn huti.

"Jiena kont hemm biss ghax-xoghol. Ibni Roderick kien jghin lil zewgi kemm fix-xoghol tieghu tas-sajd kif ukoll fit-tmexxija tar-*restaurant* izda zewgi kien jittrattah ta' skjav u kien ihaddmu ghal sieghat twal bla ma kien ihallsu b'mod adegwat (Fol. 55)."

Roderick Schembri jikkonferma dak li xehdet ommu u kif kien jittrattah l-appellant u anke jsawwtu[10].

Jirrizulta li minkejja l-qliegh kollu li kienu jaghmlu l-kontendenti, l-appellant ma kienx juri lill-attrici x'kien qed jaghmel bil-flus u x'kien qed jiddikjara lill-erarju. Il-konvenut insista ripetutament li martu kienet tafdah u kienet thalli kollox f'idejh. Izda nonostante dan, l-attrici ma kienitx kuntenta bil-mod kif kien qed imexxi l-affarijiet zewgha u l-biza taghha kien li se jdahhalha f'inkwiet. Skond l-attrici hi baqghet tissaporti sakemm fl-ahhar il-kwistjoni splodiet meta zewgha, ma kienx kuntent li hallietu jamministra l-komunjoni tal-akkwisti wahdu, izda ried jindahal ukoll fl-affarijiet tal-familja taghha kif ukoll ghamel uzu ('hazin' skond l-attrici) minn prokura taz-ziju taghha Anthony Saliba biex jittrasferixxi gid taz-ziju taghha ghal fuq il-kumpanija Neptune's Bar and Restaurant Company Ltd ad insaputa u kontra r-rieda tieghu. L-appellant jargumenta dawn iz-zewg episodji bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala prova tal-agir tieghu fir-rigward tal-amministrazzjoni allegatament hazina tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fehma tal-Qorti, pero`, dawn l-episodji kienu sintomatici ta' mod kif jagixxi l-konvenut. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien ilu jamministra hazin l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti zmien qabel ma nqala' l-inkwiet bejn il-konjugi Schembri li wassal ghal din il-kawza u kien meta l-attrici nsistiet ghad-drittijiet taghha minhabba

[10] Ara fol. 390 u 497.

l-indhil ta' zewgha, u meta kkontestat il-mod kif kien qed imexxi, li s-sitwazzjoni ddeterjorat tant li l-attrici kellha tipprocedi bil-Qorti. Il-konvenut issottometta li qabel infethet il-kawza hu kien jamministra tajjeb il-komunjoni tant li hu kien fdat minn martu u kienet thalli kollox f'idejh billi kien qed imexxi n-negozju 'l quddiem. Mhux kontestat li l-konvenut kien qed jaghmel qliegh min-negozju tar-*restaurant* u sajd, imma li kien qed jigri kien li l-konvenut ippretenda li martu, wara tnejn u ghoxrin sena zwieg, m'ghandha xejn ghax skond hu, hi ma gabet xejn maghha u ghamel kollox bil-hila tieghu u ghalhekk kollox kien tieghu, tant li xehed li fil-komunjoni ma hemm xejn[11]. L-attrici xehdet li hi ma kienitx tindahal lill-konvenut billi l-flus kien hakimhom hu. Ghall-konvenut il-flus kienu kollha tieghu, u l-mara ma kellha ebda sehem min-negozju tar-*restaurant*, sajd u bini. Din l-attitudini tal-konvenut donna ma kienitx cirkoskritta ghall-martu u uliedu biss imma jidher li ppretenda li anke l-gid ta' haddiehor kien tieghu wkoll[12]. Jigi ppuntwalizzat ukoll li l-fatt li l-attrici kienet thalli kollox f'idejn zewgha, ma jfissirx li hu kellu dritt li jabbuza mill-fiducja taghha jew li jittratta l-gid tal-familja bhallikieku kien tieghu biss.

Fil-fehma tal-Qorti dak li gara wara li l-attrici fittxet id-drittijiet taghha huwa rifless tal-mod kif il-konvenut kien dejjem jagixxi u senjatament kif kien qed jamministra l-komunjoni qabel ma nfethet il-kawza. Hu kien qed jamministra b'mod qiesu l-flus tan-negozju kienu kollha tieghu. Il-manuvri li ghamel il-konvenut wara li l-attrici pprezentat l-kawza, kompla kkonferma dak li dejjem kien jahseb il-konvenut, u cioe` li l-flus kienu tieghu biss u ta' hadd aktar u ghalhekk ippretenda li jisbanka l-flus kollha ghalih. Ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li l-ewwel Qorti, u anke din il-Qorti, ma tikkunsidrax dak li gara wara li nfethet il-kawza bhala parti mill-provi. Hu kien obbligat li jibqa' jamministra sewwa l-gid tal-komunjoni sakemm tinqata l-kawza u mhux izarma l-assi tal-

[11] Ara fol. 759.

[12] B'referenza ghall-kuntratt tat-3 ta' Lulju 2006 il-konvenut jghid li l-flus m'ghaddihomx lil Antony Saliba (fol. 696). Il-gid tal-familja tal-konvenut donnu kien tieghu biss (ara fol. 759). Hu l-konvenut George Schembri, bhall-attrici wkoll ma kienx jinteressah dwar dhul min-negozju u kien ihalli kollox f'idejn il-konvenut. George Schembri lanqas jaf kemm ghandu flus tieghu f'idejn il-konvenut (fol. 802).

komunjoni minghajr hadd ma jaf x'sar minnhom. L-ewwel Qorti ddeskriviet kif meta nqala' l-inkwiet matrimonjali l-konvenut ghamel manuvri biex illikwida l-gid tal-komunjoni tal-akkwisti u dan minghajr l-intervent ta' martu. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza mill-gdid ghall-provi prodotti dwar il-mod kif il-konvenut illikwida l-gid tal-komunjoni, u l-ezami tal-provi maghmul tajjeb mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha[13], u dan a skans ta' ripetizzjonijiet inutili. Il-fatti u c-cirkostanzi li jirrisalu ghaz-zmien ta' dawn il-proceduri m'ghandhomx jigu njorati izda huma rilevanti billi jikkorroboraw jew jassodaw ic-cirkostanzi antecedenti li taw lok ghal-bidu ta' dawn il-proceduri.

L-appellant isostni li l-investimenti saru kollha minn flus parafernali tieghu, u li whud mill-investimenti uzahom biex jkompli n-negozju ma' huh. Jghid ukoll li fil-komunjoni tal-akkwisti ma hemmx flus billi kienu ntuzaw biex sar l-izvilupp fl-art ta' Xwejni.

F'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-prezunzjoni fil-ligi (Artikolu 1321 tal-Kodici Civili) hi li l-beni kollha tal-mizzewgin jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk hu l-konvenut li jrid jeghleb din il-presunzjoni u jressaqx provi li dak li qed jghid huwa minnu. Mill-atti akkwiziti ma tirrizultax din il-prova, anzi jirrizulta li ghalkemm il-konvenut xehed li l-investimenti saru minn flus parafernali, dawn l-istess investimenti qeghdin f'isem il-konjugi Schembri u mhux f'isem il-konvenut personali. Inoltre l-konvenut ma kellu l-ebda dritt jirtira dawn il-flus ghall-bzonnijiet tieghu meta dawn kienu fuq isem it-tnejn. Dwar il-proprjeta` fl-art ta' Xwejni l-konvenut ma pproduca ebda dokumenti li juru x'flus suppost hareg mill-komunjoni tal-akkwisti f'dan ir-rigward[14].

Il-konvenut issottometta wkoll li l-ewwel Qorti ppretendiet li hu jipprovdi l-provi dwar il-konsistenza tal-beni tal-komunjoni u dawk parafernali tieghu, meta dak l-istadju kien ghadu ma wasalx billi dawn il-provi kellhom jitressqu

[13] Ara para.3 sezzjoni (i) sa (iv) tas-sentenza tal-ewwel Qorti u x-xhieda ta' P. Perrotti a fol. 606.
[14] Ara fol. 759.

wara li tigi deciza l-ewwel talba. Il-Qorti tirrileva, izda, li l-ezami li sar mill-ewwel Qorti f'dak l-istadju kien biex tara kif il-konvenut kien qed jamministra l-komunjoni tal-akkwisti u mhux biex tiddetermina l-konsistenza taghha, liema ezercizzju ghad irid isir.

Il-konvenut jargumenta wkoll li huwa gie kostrett jiehu l-passi li ha minhabba l-mandati li harget il-mara kontra tieghu. Hu jghid li bl-iskuza li trid tissalvagwardja l-assi tal-komunjoni, l-attrici trid tivvessah u tirvinah.

Jigi rilevat li mill-atti jirrizulta li l-uniku att gudizzjarju li jsemmi l-konvenut fix-xhieda tieghu huwa mandat ta' sekwestru izda l-konvenut irnexxielu fil-mori tal-kawza jinkassa l-flus nonostante s-sekwestru, ghalkemm imbaghad hu gie ordnat jaghmel garanzija ghall-istess ammont.

Il-konvenut qed jallega li l-mandat li nhareg kontra tieghu kellu effett negattiv fuq in-negozju li qed imexxi, ghalhekk il-prova dwar din l-allegazzjoni kellha ssir minnu u fil-fehma ta' din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, din il-prova ma saritx. Anzi jirrizulta li nonostante l-proceduri inizjalati mill-attrici kontra tieghu, hu rnexxilu jisparixxi mill-inqas is-somom ta' £44,000, €99,500 u €22,154[15]. Il-konvenut baqa' jinsisti, u dan anke kontra l-ordni tal-ewwel Qorti[16], li jizvela x'ghamel minnhom dawn il-flus. Ghalkemm il-konvenut jghid li l-attrici qed tipprova tirvinah, jidher li mhux talli ma kien hemm ebda effett negattiv fuq in-negozju mmexxi minnu, imma jirrizulta li fl-20 ta' Dicembru 2007 (fil-mori ta' dawn il-proceduri) il-kumpanija Neptune's Bar and Restaurant Company Limited, immexxija minnu xtrat aktar proprjeta` immobilljari[17].

Fic-cirkostanzi din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tikkonkludi li l-konvenut ma kienx qieghed jopera u jamministra l-komunjoni tal-akkwisti fl-interess ta' martu wkoll, anzi hi konvinta li kien qieghed jopera biss fl-interess personali

[15] Ara fol. 695.
[16] Ara fol. 722.
[17] Ara kuntratt MS2 a fol. 707

tieghu. Dan l-appell kjarament sar biss biex l-appellant jivvessa lill-martu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti tas-16 ta’ Settembru 2009 bl-ispejjez tal-ewwel istanza kif decizi mill-ewwel Qorti. Stante li l-appell huwa wiehed li jirrazenta l-fieragh izda kjarament vessatorju, il-Qorti tikkundana lill-appellant li jhallas l-ispejjez ta’ dan l-appell ghal darbtejn *ai termini* tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

Tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------